MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 305/2015/1

**Rosanne Mifsud (K.I. 547476 (M))**

**vs**

**David Mifsud (K.I. 497777 (M))**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat l-20 ta’ Frar, 2015;

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll l-20 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors guramentat promotur:

2.1. Laqghet provizorjament it-talbiet tar-rikorrenti fuq indikata;

2.2. Ordnat in-notifika ta' l-istess lill-kontroparti ghar-risposta skont il-ligi;

2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza u fil-hin hemm indikat, (ara foll 1 u 5);

3. Rat ir-risposta ta' l-intimat datata s-6 ta' Marzu, 2015;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi permezz tar-rikors guramentat fuq riferit ir-rikorrenti sintetikament elenkat il-pretensjonijiet taghha bil-mod segwenti:

5.1. Illi qed titlob il-hrug tal-mandat in dizamina biex tikkawtela d-drittijiet taghha;

5.2. Illi ghalhekk titlob li zzomm lill-intimat milli:

5.2.1. Ixerred, iqassam u juri kwalunkwe video, *clip-film screening* filmat, ritratti u rizorsi simili fejn tidher ir-rikorrenti, u dan, permezz ta' kwalunkwe apparat jew mezz elettroniku;

5.2.2. Illi fil-kaz li s-suespost jigi trasmess fuq kwalunkwe *media*, *internet* jew ritratti r-rikorrenti ser issofri danni irreparabbli;

5.3. Illi tinsab mhedda li jekk ma tirtirax rapporti gia` maghmula lill-pulizija, l-intimat ser ixandar l-imsemmija *videos* u filmati;

5.4. Illi f'dan il-kaz, ir-reputazzjoni taghha tista` tigi pregudikata – inkluz il-possibilita` ta' telf t'impjieg;

5.5. Illi tinsab f'posizzjoni vulnerabbli ghaliex ghandha (7) xhur tqala;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi l-intimat isosstni sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi din il-qorti m'ghandiex gurisdizzjoni tisma` u tiddeciedi l-mandat *de quo stante* li l-partijiet huma mizzewgin;

6.2. Illi konsegwentement li l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li hi kompetenti biex tisma` u tiddeciedi l-mandat odjern;

6.3. Illi l-mandat odjern hu intempestiv *stante* li ma jezisti l-ebda *recording*, filmat jew ritratti kif allegat, peress li dawn ilhom li gew distrutti;

6.4. Illi ghalhekk l-intimat m'ghandux pussess ta' l-imsemmija *recordings*, filmat jew ritratti;

6.5. Illi dawn l-oggetti riferiti aktar qabel qatt ma tpoggew fil-pubbliku jew fl-*internet*;

6.6. Illi l-intimat m'ghandux ibaghti spejjez;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi fid-dawl tas-suespost analizi tal-vertenza odjerna jirrileva sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi l-procedura in dizamina hi regolata mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

7.2. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li tali procedura hi specifikatament intiza biex izzomm persuna milli b'xi mod taghmel xi haga – tkun li tkun – li tista` tohloq xi

pregudizzju, u allura, tkun ta' hsara immedjata lil dik il-persuna li titlob il-hrug ta' tali mandat;

7.3. Illi ghalhekk hu impellenti li biex tali mandat ikun jista` validament jinhareg skont il-ligi, il-parti lanjanti ghandha tissodisfa r-rekwiziti stipulati fl-istess artiklu tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili fuq riferit, senjatament:

7.3.1. Illi l-mandat *de quo* hu necessarju biex jigu protetti d-drittijiet minnha legittimament vantati;

7.3.2. Illi jrid jigi wkoll assodat li r-rikorrenti jkollha ta' l-anqas, dawk id-drittijiet minnha pretizi f'livell ta' *prima facie*;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi analizi tal-fatti kif estrapolati mill-atti fil-process u mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iwassal sintetikament ghas-segwenti delineazzjoni tal-fatti;

8.1. Illi l-kontendenti huma mizzewgin u fi zmien qasir qeghdin jistennew it-tielet (3) wild taghhom;

8.2. Illi rizultat ta' dizgwid li rrizulta bejniethom l-intimat kien informa lir-rikorrenti li kellhu xi *recording* ta' xi diverbju qawwi bejniethom u hedded li jxandru fil-mezzi kollha moderni tal-*media* prezentement disponibbli;

8.3. Illi wara li ttiehded l-azzjoni odjern l-istess intimat isostni li effettivament hu gia` hassar l-imsemmi *recording* u ghalhekk m'hemm xejn x'jista` jixxandar;

8.4. Illi *di piu`* l-intimat isosstni wkoll li l-istess rikorrenti hi gia` a konjizzjoni ta' din l-impossibilita` li jixxandar ir-*recording* in dizamina;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi rigward l-eccezzjoni preliminarji sollevati mill-intimat, senjatament rigward in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-qorti u rigward l-intempestivita` tal-procedura odjerna, jinghad sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi l-procedura odjerna hi intavolata a bazi ta' l-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit;

9.2. Illi ghalhekk l-uniku forum idoneu hu proprju din il-qorti u mhux dik indikata mill-intimat;

9.3. Illi ghalhekk, din l-eccezzjoni preliminari qed tigi respinta;

9.4. Illi *di piu`*, rigward l-intempestivita` sollevata jinghad li minn ezami tal-fatti kif prodotti mill-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti jirrizulta li l-azzjoni odjerna mhix intempestiva *stante* li jghid x'jghid l-intimat, dejjem hemm il-possibilita` li xorta jaghmel dak li gia` hedded li ha jaghmel – u dan, igib il-konsegwenzi kollha negattivi li r-rikorrenti qed tibza li jingiebu;

9.5. Illi ghalhekk, din l-eccezzjoni preliminarja qed tigi wkoll respinta;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi rigwardanti l-mertu veru tal-vertenza jinghad sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti hi rinfaccata b'theddida li tigi malafamata pubblikament;

10.2. Illi ghandu jkun pacifiku li ghalkemm l-intimat qed isostni li gia` iddistrugga l-materjal involut, tali dikjarazzjoni wehedha m'hi ta' l-ebda suffragju lir-rikorrenti ghaliex ma twassalx ghal dik ic-certezza deziderata li tista` verament isserhilha rasha;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

11.1. Illi t-theddida ta' l-intimat fuq elaborata hi ekkwivalenti ghall-minacca attwabbli li fuqha r-rikorrenti m'ghandha l-ebda kontroll;

11.2. Illi ghalhekk jirrizulta debitament assodat li r-rikorrenti ghandha tigi tutelata fid-drittijiet minnha vantati ta’ l-anqas fil-livell ta’ *prima facie*;

DECIDE:

12.0. Illi in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti ippruvat t-talbiet taghha skond il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li tirribadixxi li qeghda tirrespingi l-eccezzjonijiet preliminari fuq rilevati, flimkien mar-risposti tal-istess intimat fuq il-mertu *de quo*, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk:

12.1. Tvarja *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat l-20 ta’ Frar, 2015, b’mod li issa l-mandat t’inibizzjoni *de quo* jinhareg b’mod permanenti;

12.2. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat David Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------